**Konferenza Stampa - Dr Robert Aquilina**
**President, NGO Repubbblika**

28 ta' Awwissu 2021 – Kastilja

**Bħal għada xahar ilu** ... fid-29 ta' Lulju ... il-Prim Ministru rċieva u ppubblika r-rapport tal-inkjesta pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Dakinhar stess, il-Prim Ministru għamel apoloġija lill-familja ta' Daphne Caruana Galizia, iddikkjara li ħa t-tagħlimiet li kellu jieħu, u **wiegħed li se jagħti kas u se jaġixxi skont dak li qalet l-inkjesta**.

Qegħdin hawn illum, quddiem l-uffiċċju tal-istess Prim Ministru Robert Abela, biex niġbdu l-attenzjoni li minkejja d-diskors u minkejja l-pożi, **għadda xahar u l-Prim Ministru għadu m'għamel assolutament xejn**.

Il-Prim Ministru, matul dan ix-xahar, **abdika kompletament** mir-responsabbiltajiet li għabbietu bihom l-inkjesta pubblika u baqa' għaddej qisu ma ġara xejn.

Bejn dak li qalet l-inkjesta u l-ħbieb tiegħu fil-Gvern u fil-Partit Laburista kkundannati mill-istess inkjesta, **Robert Abela qed jagħżel il-kontinwità tal-impunità** ... bir-riskji kollha li din iġġib magħha għall-pajjiżna u għall-poplu tagħna.

Ibda biex, għadda xahar u la l-Prim Ministru u lanqas il-partit li jmexxi għadhom **m'għamlu xejn biex jinfatmu mill-perċimes** tal-għajb li nġieb fuq pajjiżna u tal-impunità li ħalliet lil waħda minna maqtula: l-Eks Mexxej Laburista, l-Eks Prim Ministru, u l-eks rebbieħ tal-premju tal-iktar politiku korrott fid-dinja, Joseph Muscat.

Joseph Muscat mhux talli għadu jagħmel parti mill-Partit Laburista, iżda talli **matul dan ix-xahar iktar deher u tkellem mal-media hu milli tkellem dak li suppost huwa l-Prim Ministru attwali**, Robert Abela.

Robert Abela qed juri **lil kulħadd li m'għandux il-ħila, is-saħħa u l-kuraġġ** ikeċċi lil Joseph Muscat mill-Partit Laburista.

L-ewwel wieħed li ntebaħ bid-dgħufija ta' Robert Abela kien l-istess Joseph Muscat.

Joseph Muscat fakkar lil Robert Abela f'kemm ħadmitlu martu Michelle biex isir Prim Ministru.
Joseph Muscat fakkru wkoll kemm hu għadu b'saħħtu u maħbub fost il-partitarji Laburisti ... aktarx iktar mill-istess Robert Abela.
Joseph Muscat issa **qed jhedded lill-Prim Ministru li jekk jazzarda joqgħod idejqu, se jiġih lura**.

Sena ilu Robert Abela ftaħar li ma jibżax mill-mewġ, għax jemmen li l-mewġ qiegħed fil-baħar. Li ma qalilniex hu **jekk hux imwerwer għax jemmen li hemm xi tsunami mħejji għalih minn Joseph Muscat**.

Lil Robert Abela aħna ngħidulu li diġà ħela ħafna ħin. Il-Prim Ministru **jeħtieġ jinżel minnufih minn fuq il-jott**, u jibda jwettaq dak li wiegħed li se jagħmel xahar ilu.

Ma jistax ikun li inkjesta tal-Istat Malti tikkonkludi li l-Istat Malti huwa responsabbli għal assassinju ta' ġurnalista, u **jgħaddi xahar u l-Prim Ministru jibqa' ma jagħmel xejn**.

Robert Abela m'għamel xejn lanqas fil-konfront tal-Ministru Edward Zammit Lewis. Anke Ġaħan jaf li **ma jistax ikollok Ministru tal-Ġustizzja u tal-Governanza li jkun inqabad bil-mod ta' kif inqabad Zammit Lewis**, jilgħaq lill-kriminali miljunarji.

Robert Abela m'għamel xejn fil-konfront ta**l-membri tal-Kabinett ta' Joseph Muscat li l-inkjesta sabithom responsabbli** li b'għemilhom ħolqu fil-pajjiż ambjent ta' impunità.

Fi kliem ir-rapport tal-inkjesta **kien fuq din l-impunità li 'straħu l-elementi ta' kriminalita' organizzata'**. Fi kliem ir-rapport tal-inkjesta din l-impunità 'ċertament iffaċilitat l-assassinju' ta' Daphne Caruana Galizia.

Xahar ilu aħna tlabna biex dawn il-politiċi jitwarrbu mill-Gvern u mill-Partit Laburista u ma jitħallew qatt iktar jokkupaw karigi pubbliċi.

Minflok ġara hekk, **Robert Abela qed iħallihom iħabbtu l-bibien u jċemplu lill-kostitwenti biex jerġgħu jivvotawlhom u nitwikkew bihom għal leġiżlatura oħra**.

B'dan in-nuqqas ta' azzjoni ta' Robert Abela pajjiżna ma jistax jibda miexi fit-triq tal-fejqan.

Huwa evidenti li Robert Abela ma jinteressahx tassew il-ġid ta' dal-pajjiż u ta' dal-poplu, imma **jinteressah biss il-poter għalih u għal sħabu tal-Partit Laburista** li nstabu responsabbli ta' assassinju li xxokkja lid-dinja kollha u li ġab għajb kbir fuqna.

Bl-imġiba tagħhom Robert Abela, il-kabinett tiegħu u l-Partit Laburista **qegħdin għal darb'oħra jsostnu u jkattru l-kultura ta' impunità** li tant ingħatat importanza fir-rapport tal-inkjesta.

Il-messaġġ li bagħat Robert Abela tul dan ix-xahar huwa li **jgħidu x'jgħidu** l-imħallfin, **tgħid x'tgħid** l-inkjesta u **jitlob x'jitlob** il-ġid komuni, huwa se jibqa' għaddej b'din il-**politika tal-impunità**.

Kulħadd jaf x'ġara erba' snin ilu lil Daphne Caruana Galizia b'riżultat ta' din l-impunità.

Wisq nibżgħu li **Robert Abela qed jiżra ż-żerriegħa biex l-orrur li għexna dakinhar nerġgħu ngħixuh**.

Innotaw, kif **il-magna tal-propaganda tal-partit ta' Robert Abela**, il-ONE, ma waqfet xejn tiddemonizza lil min f'pajjiżna jiġġieled biex issir ġustizzja, fosthom aħna – il-membri ta' Repubbblika.

Innotaw kif **ma qatgħet xejn id-demonizzazzjoni ta' ġurnalisti, avukati u persuni oħra li jaħdmu bla heda biex toħroġ il-verità u biex issir il-ġustizzja**.

Din il-kampanja moqżieża mhix issir biss permezz tal-ONE, iżda anke fuq il-media soċjali minn nies evidentement imqabbda biex jagħmlu dan mill-Gvern, mill-Partit Laburista jew minn sħabhom il-kriminali.

Dan kollu mhux biss mhuwiex aċċettabbli, iżda huwa wkoll **PERIKOLUŻ** immens.

Nagħmluha ċara li aħna qed nieħdu nota ta' kulma qed jiġri u **qed inżommu lil Robert Abela personalment responsabbli** għalih.

Nagħmluha iktar ċara li aħna **m'aħna se nħallu lil ħadd waħdu** kif tħalliet Daphne Caruana Galizia.

Ma rridux li n-nuqqas ta' azzjoni ta' Robert Abela jħalli l-vittmi kif ħallew sħabu li għadhom qed igawdu mill-impunità.

Se nagħmlu kulma nistgħu biex ma nħallux li dak li ġara fi żmien u bir-responsabbiltà ta' Joseph Muscat, il-kabinett u l-kompliċi l-oħra kollha tagħhom, jerġa' jiġri fi żmienna.

Grazzi ħafna.